Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1871

28.10.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1871

tat-23 ta' Lulju 2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards relatati mal-eCall u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/79 fir-rigward ta' rekwiżiti tekniċi u proċeduri ta' ttestjar għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur mgħammra b'sistemi eCall immuntati fil-vettura bbażati fuq is-servizz 112

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li jikkonċerna rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(8) u (9) u l-Artikolu 6(12) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/758 jeħtieġ li t-tipi ġodda kollha ta' vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1 ikunu mgħammra b'sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112.

(2) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti ([2]) tidentifika l-ħtieġa li l-qafas legali tal-eCall jiġi adattat għal teknoloġiji ġodda tat-telekomunikazzjoni.

(3) Ir-Regolament (UE) 2015/758 fih lista ta' standards u speċifikazzjonijiet tekniċi Ewropej, li fuqhom huma bbażati r-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tas-sistemi eCall u tal-vetturi mgħammra b'sistemi bħal dawn.

(4) Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN, European Committee for Standardization) adotta standards ġodda EN 17184:2024 u EN 17240:2024 li jissostitwixxu rispettivament l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi CEN/TS 17184:2022 u CEN/TS 17240:2018. Barra minn hekk, il-verżjoni l-ġdida tal-istandard EN 16072:2025 fiha bidliet rilevanti għall-eCall. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu aġġornati r-referenzi għall-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tekniċi rispettivi fl-Artikolu 5(8) tar-Regolament (UE) 2015/758.

(5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/79 ([3]) jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi dettaljati u proċeduri ta' ttestjar għall-approvazzjoni tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112, u tal-vetturi bil-mutur mgħammra b'sistemi bħal dawn. Dawk ir-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri ta' ttestjar jenħtieġ li jiġu riveduti biex tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika u biex tkun tista' titwettaq l-implimentazzjoni anjostika tat-teknoloġija tal-metodi ta' ttestjar.

(6) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-awtottestjar tas-sistema eCall immuntata fil-vettura, huwa meħtieġ li jiġi previst li l-modalitajiet ta' ħsara jenħtieġ li jiġu ttestjati separatament.

([1]) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 77, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/758/oj.

([2]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti — inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur", COM(2020) 789 final tad-9.12.2020.

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/79 tat-12 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi dettaljati u proċeduri ta' ttestjar għall-approvazzjoni KE għat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistemi eCall tagħhom immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112, ta' unitajiet u komponenti tekniċi separati tal-eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112 u li jissupplimenta u jemenda r-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet u l-istandards applikabbli (ĠU L 12, 17.1.2017, p. 44, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/79/oj).

(7) Sabiex jiġi żgurat l-prontezza tas-sistema eCall immuntata fil-vettura għat-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali f'konformità mad-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), huwa meħtieġ li jiġu pprovduti r-rekwiżiti tekniċi speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati fl-approvazzjoni tat-tip biex jiġi ffaċilitat l-ittestjar tal-affidabbiltà stradali matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-vetturi bil-mutur.

(8) Sabiex jiġi żgurat li l-verifika tan-nuqqas ta' traċċabbiltà tal-eCall immuntata fil-vettura titwettaq mingħajr ambigwità, huwa meħtieġ li tiġi speċifikata l-imġiba mistennija wara li tiġi trażmessa l-eCall.

(9) Sabiex jiġi żgurat li l-istruttura tal-proċeduri ta' ttestjar tkun konsistenti fl-Annessi kollha tar-Regolament Delegat (UE) 2017/79, jenħtieġ li dawk l-annessi jiddistingwu b'mod ċar bejn il-kundizzjonijiet tat-test, il-metodi u l-valutazzjoni tat-testijiet.

(10) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jippermettu l-estensjoni tal-approvazzjonijiet mogħtija qabel l-1 ta' Jannar 2027 għal sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112 li joperaw fuq networks ta' komunikazzjoni circuit-switched biex jiġi żgurat li dawn ikomplu jservu l-iskop tagħhom wara t-tranżizzjoni għal teknoloġija ta' komunikazzjoni packet-switched.

(11) Sabiex jiġi żgurat li s-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 tibqa' operattiva f'każ li tinqatal-provvista ewlenija tal-enerġija tal-vettura, huwa meħtieġ li jiġu pprovduti proċeduri ta' ttestjar għall-provvista tal-enerġija ta' riżerva (jekk tkun immuntata) u l-provvista tal-enerġija sekondarja tal-vettura, li tista' tintuża wara aċċident tat-traffiku bil-vettura.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/758 u r-Regolament Delegat (UE) 2017/79 jiġu emendati skont dan.

(13) Sabiex l-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali u l-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jimplimentaw il-bidliet, jenħtieġ li l-applikazzjoni obbligatorja tal-istandards EN 17184:2024 u EN 17240:2024 tiġi differita għall-1 ta' Jannar 2027. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda fir-rigward tal-provvista tal-enerġija ta' riżerva u l-provvista sekondarja tal-enerġija tal-vettura tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u fir-rigward tal-prontezza għat-test perjodiku tal-affidabbiltà stradali ta' tipi ġodda ta' vetturi b'sistemi bħal dawn,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (UE) 2015/758

Fl-Artikolu 5(8), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2015/758, il-punti (a) sa (c) huma emendati kif ġej:

(1) il-punt (a), "EN 16072:2022" huwa sostitwit b'"EN 16072:2025".

(2) il-punt (b), "CEN/TS 17184:2022" huwa sostitwit b'"EN 17184:2024".

(3) il-punt (c), "CEN/TS 17240:2018" huwa sostitwit b'"EN 17240:2024".

Artikolu 2

Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2017/79

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/79 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, jiżdied il-punt (12) li ġej:

"(12) 'eCall tat-test' tfisser eCall għall-finijiet ta' ttestjar, li tista' tingħaraf b'mod ċar minn eCall reali jew li ma tilħaqx iċ-Ċentru li Jirċievi t-Telefonati ta' Emerġenza ('PSAP', Public Safety Answering Point).";

([4]) Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li thassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/45/oj).

(2) fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu (4) li ġej:

"4. Għall-fini tal-estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip KE mogħtija f'konformità mal-paragrafu (1) qabel l-1 ta' Jannar 2027, is-servizz tekniku jista' jeżenta s-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 mit-test tal-impatt fuq skala sħiħa kif speċifikat fl-Anness II u mit-test sussegwenti tat-tagħmir tal-awdjo kif speċifikat fl-Anness III. Il-bidliet fis-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 modifikata meta mqabbla mas-sistema approvata oriġinarjament għandhom jiġu ddokumentati u spjegati mill-manifattur lis-servizz tekniku u lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip:

(a) Meta l-parti tal-komunikazzjoni tiġi modifikata mingħajr impatt fuq komponenti oħra tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u jitwettaq test tal-ħbit tal-vettura għal finijiet oħra, għandha tiġi inkluża s-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u għandu jitwettaq it-test tal-impatt fuq skala sħiħa kif speċifikat fl-Anness II u għandu jitwettaq it-test sussegwenti tat-tagħmir tal-awdjo kif speċifikat fl-Anness III.

(b) Meta l-modifika tal-parti tal-komunikazzjoni ta' sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 ikollha impatt fuq il-partijiet l-oħra tagħha, għandhom jitwettqu t-test tal-impatt fuq skala sħiħa kif speċifikat fl-Anness II u t-test sussegwenti tat-tagħmir tal-awdjo kif speċifikat fl-Anness III.";

(3) fl-Artikolu 7, il-paragrafu (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-approvazzjoni tat-tip KE ta' unità teknika separata (STU, separate technical unit) ta' eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 għandha tkun soġġetta għall-fatt li l-STU tgħaddi mit-testijiet stabbiliti fl-Annessi I, IV, VI, VII u VIII u tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dawk l-Annessi. F'każ li l-STU tkun immuntata b'sors tal-enerġija ta' riżerva, din għandha tikkonforma mar-rekwiżiti u tkun soġġetta għall-proċedura ta' ttestjar stabbilita fl-Anness X.";

(4) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(5) L-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(6) L-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(7) L-Anness IV huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(8) L-Anness VII huwa emendat f'konformità mal-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(9) L-Anness VIII huwa emendat f'konformità mal-Anness VI ta' dan ir-Regolament;

(10) L-Anness VII ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala l-Anness X.

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

(1) B'effett mill-1 ta' Jannar 2026, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjonijiet tat-tip ġodda jew estensjonijiet għal approvazzjonijiet eżistenti għal vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, fejn dawn ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti f'CEN/TS 17184:2022 u CEN/TS 17240:2018 jew mal-istandards EN 17184:2024 u EN 17240:2024, jekk manifattur jitlob dan.

(2) B'effett mill-1 ta' Jannar 2027, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjonijiet tat-tip ġodda għal vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, fejn dawn ma jikkonformawx mal-istandards EN 17184:2024 u EN 17240:2024.

(3) B'effett mill-1 ta' Jannar 2027, fil-każ ta' vetturi ġodda approvati wara l-31 ta' Marzu 2018 f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/758 li ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti f'CEN/TS 17184:2022 u CEN/TS 17240:2018 jew mal-istandards EN 17184:2024 u EN 17240:2024, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom iqisu li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx validi għall-finijiet tal-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) 2018/858.

(4) B'effett mill-1 ta' Jannar 2028, fil-każ ta' vetturi ġodda approvati wara l-31 ta' Marzu 2018 f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/758 li ma jikkonformawx mal-istandards EN 17184:2024 u EN 17240:2024, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom iqisu li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx validi għall-finijiet tal-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) 2018/858.

(5) B'effett mill-1 ta' Jannar 2028, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjonijiet tat-tip ġodda għal vetturi, sistemi jew unitajiet tekniċi separati, fejn dawn ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tekniċi biex ikun jista' jsir test tal-affidabbiltà stradali perjodiku f'konformità mal-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2017/79 kif emendat b'dan ir-Regolament.

(6) B'effett mill-1 ta' Jannar 2027, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjonijiet tat-tip ġodda għal vetturi, sistemi jew unitajiet tekniċi separati, fejn dawn ma jikkonformawx mar-rekwiżiti għall-prestazzjoni tas-sors tal-enerġija ta' riżerva f'konformità mal-Anness X tar-Regolament Delegat (UE) 2017/79.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(2) u (3) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2017/79 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt 1.1.4. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.1.4. Determinazzjonijiet tal-pożizzjoni: Is-sistema eCall jew l-arranġament rappreżentattiv għandhom ikunu kapaċi jiddeterminaw il-pożizzjoni eżatta tal-vettura, inklużi żewġ pożizzjonijiet riċenti tal-vettura qabel il-ġenerazzjoni tad-data għall-MSD.";

(2) fil-punt 2.2.4., tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Kwalunkwe ftehim bħal dan għandu jiġi ddokumentat fir-rapport tat-test.";

(3) il-punt 2.4.2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.4.2. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għandhom jiġu vverifikati bit-twettiq ta' eCall tat-test billi jintuża s-sors tal-enerġija soġġett għad-deċellerazzjoni severa ħafna.";

(4) fil-punt 2.4.3., il-fraži introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2.4.3. Qabel ma tagħmel l-eCall tat-test, ara li:";

(5) il-punt 2.4.3.(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni definiti fil-punt 2.7, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, għandha tiġi applikata għal kwalunkwe eCall tat-test;";

(6) il-punt 2.4.4. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.4.4. Agħmel eCall tat-test billi tapplika skattatur skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.";

(7) il-punt 2.4.5.(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) Ivverifika li l-MSD fih pożizzjoni preċiża u aġġornata. Dan għandu jkun verifikat f'konformità mal-Proċedura tat-Test tal-Pożizzjoni kif speċifikat fil-punt 2.5 permezz ta' rekord tat-test li juri li d-devjazzjoni bejn il-pożizzjoni tal-IVS u l-pożizzjoni vera, d_IVS, hija ta' inqas minn 150 metru u l-bit tal-kunfidenza mibgħuta lill-punt tat-test PSAP (Public Safety Answering Point) tindika 'pożizzjoni tista' tiġi fdata'.

(d) Ivverifika li l-MSD fih iż-żewġ pożizzjonijiet riċenti qabel il-ġenerazzjoni tad-data għall-MSD. Dan għandu jiġi vverifikat permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li rċieva 'recentVehicleLocationN1' u 'recentVehicleLocationN2'.;"

(8) il-punt 2.4.6. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.4.6. Ikklerja l-eCall tat-test billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta')."

(9) il-punti 2.7.1.1. u 2.7.1.2. huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2.7.1.1. Għandu jiġi żgurat li telefonata ta' emerġenza mibgħuta mis-sistema bbażata fuq is-servizz 112 ssir mingħajr konnessjoni bil-wajer diretta permezz ta' network mobbli mhux pubbliku (jiġifieri ssimulat) u tingħadda lil punt tat-test PSAP iddedikat.

2.7.1.2. Il-punt tat-test PSAP iddedikat matul il-proċeduri tat-test għandu jkun simulatur tal-PSAP taħt il-kontroll tas-servizz tekniku, konformi mal-istandards EN applikabbli u ċċertifikat f'konformità ma' EN 16454 u EN 17240. Għandu jkun mgħammar b'interfaċċja tal-awdjo sabiex ikunu jistgħu jsiru testijiet tal-komunikazzjoni bil-vuċi.";

(10) il-punti 2.7.2.1., 2.7.2.2. u 2.7.2.3. huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2.7.2.1. Għandu jiġi żgurat li telefonata regolari lil numru twil tintbagħat mis-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 (minflok telefonata ta' emerġenza) u ssir mingħajr konnessjoni bil-wajer diretta permezz ta' network mobbli pubbliku u tingħadda lil punt tat-test PSAP iddedikat.

F'każ li din il-proċedura ma tkunx teknikament possibbli, minflok tista' tintuża telefonata ta' emerġenza mibgħuta mis-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 permezz ta' network mobbli pubbliku f'dominju packet-switched, jekk il-manifattur jew is-servizz tekniku jaqbel mal-PSAP ġenwin jew jekk tkun ġiet stabbilita soluzzjoni teknika biex l-eCall tingħadda lil punt tat-test PSAP iddedikat.

2.7.2.2. Il-punt tat-test PSAP iddedikat matul il-proċeduri tat-test għandu jkun simulatur tal-PSAP taħt il-kontroll tas-servizz tekniku, konformi mal-istandards EN applikabbli u ċċertifikat f'konformità ma' EN 16454 u EN 17240. Għandu jkun mgħammar b'interfaċċja tal-awdjo sabiex ikunu jistgħu jsiru testijiet tal-komunikazzjoni bil-vuċi.

2.7.2.3. Jekk applikabbli, għandu jiġi żgurat li telefonata regolari mibgħuta mis-sistema TPS issir mingħajr konnessjoni bil-wajer diretta permezz ta' network mobbli pubbliku u tingħadda lil punt tat-test TPSP.";

(11) il-punti 2.7.3.1., 2.7.3.2. u 2.7.3.3. huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2.7.3.1. Għandu jiġi żgurat li telefonata ta' emerġenza mibgħuta mis-sistema bbażata fuq is-servizz 112 issir biss permezz ta' konnessjoni bil-wajer dirett ma' simulatur tan-network iddedikat (u tiġi evitata kwalunkwe antenna tan-network mobbli) u tingħadda lil punt tat-test PSAP iddedikat.

2.7.3.2. Il-punt tat-test PSAP iddedikat matul il-proċeduri tat-test għandu jkun simulatur tal-PSAP taħt il-kontroll tas-servizz tekniku, konformi mal-istandards EN applikabbli u ċċertifikat f'konformità ma' EN 16454 u EN 17240. Għandu jkun mgħammar b'interfaċċja tal-awdjo sabiex ikunu jistgħu jsiru testijiet tal-komunikazzjoni bil-vuċi.

2.7.3.3. Jekk dan ikun applikabbli, għandu jiġi żgurat li telefonata regolari mibgħuta mis-sistema TPS issir permezz ta' konnessjoni bil-wajer dirett ma' simulatur tan-network iddedikat (u tiġi evitata kwalunkwe antenna tan-network mobbli) u tingħadda lil punt tat-test TPSP iddedikat.";

(12) il-punt 2.8.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dawn il-proċeduri għandhom japplikaw għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.";

(13) il-punt 2.8.2.2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.8.2.2. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għandhom jiġu vverifikati billi ssir eCall tat-test skont il-paragrafi 2.4.3 sa 2.4.6.";

(14) jitħassru l-punti 2.8.2.3, 2.8.2.4, 2.8.2.5 u 2.8.2.6.

ANNESS II

L-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2017/79 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt 1.1.6. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.1.6. Determinazzjonijiet tal-pożizzjoni: Is-sistema eCall għandha tkun kapaċi tiddetermina fejn tinsab bl-eżatt il-vettura, inklużi żewġ pożizzjonijiet riċenti tal-vettura qabel il-ġenerazzjoni tad-data għall-MSD.";

(2) fil-punt 2.3.3., il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni definiti fil-punt 2.7 tal-Anness I, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, se tiġi applikata għal kwalunkwe eCall tat-test;";

(3) il-punt 2.4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.4. **Proċedura tat-Test tal-Provvista tal-Enerġija**

Il-proċedura tat-test deskritta fil-punti 2.4.1 sa 2.4.6 għandha tapplika meta l-Anness X huwa applikabbli u meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-STU tal-eCall ma kinitx is-suġġett tat-test stabbilit fl-Anness X,

(b) l-STU tal-eCall kienet is-suġġett tat-test stabbilit fl-Anness X iżda l-provvista tal-enerġija ta' riżerva fil-vettura hija kondiviża ma' apparat ieħor.

2.4.1. Jekk l-eCall awtomatika ġiet itterminata, skatta eCall tat-test manwali.

2.4.2. Aqra kwalunkwe test għal mill-inqas 5 minuti fil-punt tat-test PSAP. Alternattivament, il-metodu ta' ttestjar imsemmi fil-punt 2.6.2. tal-Anness III jista' jitwettaq f'dan l-istadju jekk ma jinqabiżx it-tul ta' żmien ta' 5 minuti.

2.4.3. Ikklerja l-eCall billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta').

2.4.4. Stenna 56 minuta wara li tkun intemmet it-telefonata.

2.4.5. Ibda telefonata mill-punt tat-test PSAP lis-sistema eCall immuntata fil-vettura.

2.4.6. Jekk it-telefonata tiġi aċċettata awtomatikament, aqra kwalunkwe test għal mill-inqas 5 minuti fil-punt tat-test PSAP, inkella jitlesta t-test.";

(4) jitħassar il-punt 2.7.;

(5) jiżdied il-punt 3:

"3. **Proċedura ta' verifika**

3.1. Verifika tas-Sett Minimu ta' Data (MSD, Minimum Set of Data)

3.1.1. Ivverifika kull waħda minn dawn l-affarijiet li ġejjin f'mill-inqas waħda mill-eCalls tat-test:

(a) Ivverifika li eCall skattat b'mod awtomatiku wara l-event tal-impatt fuq skala sħiħa. Dan għandu jkun verifikat permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li rċieva eCall wara l-event tal-impatt u li l-indikatur tal-kontroll tal-MSD ġie ssettjat għal 'eCall mibdija b'mod awtomatiku'.

(b) Ivverifika li l-indikatur tal-istatus tal-eCall indika sekwenza ta' eCall wara l-iskattar awtomatiku jew manwali. Dan għandu jkun verifikat permezz ta' rekord li juri li saret sekwenza ta' indikazzjoni fuq il-kanali sensorji kollha speċifikati fid-dokumentazzjoni tal-manifattur (viżwali u/jew awdjo).

(c) Ivverifika li l-punt tat-test PSAP irċieva MSD. Dan għandu jkun verifikat permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li MSD mibgħut mill-vettura wara l-iskattatur awtomatiku ġie riċevut u dekowdjat b'suċċess.

(d) Ivverifika li l-MSD kien fih data preċiża speċifika għall-vettura. Dan għandu jkun verifikat permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP iddedikat li juri li l-informazzjoni mibgħuta fl-entrati rigward it-tip ta' vettura, in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN, vehicle identification number) u t-tip ta' ħżin tal-propulsjoni tal-vettura mhijiex differenti mill-informazzjoni speċifikata fl-applikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip.

(e) Ivverifika li l-MSD fih pożizzjoni preċiża u aġġornata. Dan għandu jkun verifikat skont il-Proċedura tat-Test tal-Pożizzjoni kif definita fil-punt 2.5 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament permezz ta' rekord tat-test li juri li d-devjazzjoni bejn il-pożizzjoni tal-IVS u l-pożizzjoni vera, d_IVS, hija ta' inqas minn 150 metru u l-bit tal-kunfidenza mibgħuta lill-punt tat-test PSAP tindika 'pożizzjoni tista' tiġi fdata'. Jekk ma jkun hemm ebda sinjal tas-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS, global navigation satellite system) disponibbli fejn ikun se jsir it-test tal-impatt, il-vettura tista' tittieħed f'post xieraq qabel ma ssir l-eCall tat-test.

(f) Ivverifika li l-MSD fih iż-żewġ pożizzjonijiet riċenti qabel il-ġenerazzjoni tad-data għall-MSD. Dan għandu jiġi vverifikat permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li rċieva l-'recentVehicleLocationN1' u l-'recentVehicleLocationN2'.

(g) Ivverifika li l-MSD fih kronogramma aġġornata. Dan għandu jkun verifikat b'rekord tat-test li juri li l-kronogramma li tinsab fl-MSD riċevut mill-punt tat-test PSAP ma tiddevjax mill-ħin irrekordjat eżatt tal-attivazzjoni tal-iskattatur b'iktar minn 60 sekonda.

3.2. Jekk l-eCall tat-test awtomatika ma tistax issir b'suċċess minħabba fatturi esterni għall-vettura, għandu jkun permessibbli li jiġi verifikat l-iskattatur awtomatiku wara l-impatt permezz tal-funzjoni interna tat-tranżazzjoni tar-rekord tas-sistema immuntata fil-vettura. Dan ir-reġistru għandu jkun kapaċi jaħżen is-sinjali tal-iskattatur riċevuti f'memorja mhux volatili. L-inġinier tat-test għandu jkollu aċċess għad-data maħżuna fis-sistema immuntata fil-vettura u jrid jivverifika li l-ebda rekord tas-sinjal tal-iskattatur awtomatiku ma jkun maħżun qabel l-event tal-impatt u li rekord ta' sinjal tal-iskattatur awtomatiku jinħażen wara l-event tal-impatt.

3.3. Jekk l-eCall tat-test saret bil-vettura mqabbda ma' provvista tal-enerġija barra mill-vettura (f'każijiet li fihom it-test tal-impatt ikun twettaq bil-provvista tal-enerġija tal-vettura standard mhux installata), ivverifika li s-sistema elettrika abbord li tforni lis-sistema eCall immuntata fil-vettura baqgħet sħiħa. Dan għandu jkun verifikat minn rekord ta' inġinier tat-test li jikkonferma verifika b'suċċess tal-integrità tas-sistema elettrika abbord inkluż is-sors tal-enerġija finta immuntat fil-vettura (spezzjoni viżwali għal ħsara mekkanika fil-brekit tal-immuntar tas-sors tal-enerġija jew l-istruttura tiegħu) u l-konnessjonijiet permezz tat-terminali tiegħu.

3.4. Verifika tat-test tal-Provvista tal-Enerġija

3.4.1. Ir-rekwiżit jitqies bħala ssodisfat jekk is-sistema eCall immuntata fil-vettura tkun kapaċi tikkomunika għall-perjodu meħtieġ, kif speċifikat fil-punt 2 tal-Anness X. Inkella, jiġi ddeterminat li t-test falla.".

ANNESS III

L-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2017/79 huwa emendat kif ġej:

(1) jitħassar il-punt 1.1.2.;

(2) il-punt 2.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.1. L-għan tal-proċedura tat-test tar-reżistenza tat-tagħmir tal-awdjo għall-ħabtiet

L-iskop ta' dan it-test huwa li jivverifika li l-loudspeaker(s) u l-mikrofonu/i jitqabbdu b'suċċess u li t-tagħmir tal-awdjo baqa' jaħdem wara li l-vettura tkun ġiet soġġetta għat-test tal-impatt fuq quddiem jew tal-impatt fil-ġenb.";

(3) il-punt 2.3.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.3.1. Il-funzjonalità sostnuta tat-tagħmir tal-awdjo għandha tiġi verifikata billi ssir eCall tat-test wara t-test tal-impatt u l-użu tal-kanal ta' komunikazzjoni bil-vuċi bejn il-vettura u l-punt tat-test PSAP.";

(4) il-punti 2.5. u 2.5.1. huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2.5. **Kundizzjonijiet tat-test**

2.5.1. Qabel ma tagħmel l-eCall tat-test, ara li:

(a) waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni speċifikati fil-punt 2.7 tal-Anness I, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, se tiġi applikata għal kwalunkwe eCall tat-test;

(b) il-punt tat-test PSAP iddedikat ikun disponibbli biex jirċievi eCall mibgħuta mis-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 jew is-sistema eCall immuntata fil-vettura tkun irreġistrata sabiex tkun tista' tinbeda telefonata mill-punt tat-test PSAP;

(c) ma tistax issir eCall falza lejn PSAP ġenwin fuq in-network attiv;

(d) jekk applikabbli, is-sistema TPS tiġi diżattivata jew taqleb b'mod awtomatiku għas-sistema bbażata fuq is-servizz 112;

(e) is-swiċċ tal-ignixin jew tal-kontroll prinċipali tal-vettura huwa attivat;

(f) jista' jintuża sors estern tal-provvista tal-enerġija, f'każ fejn il-kapaċità tal-enerġija (prinċipali u ta' riżerva) ma tkunx għadha disponibbli skont il-proċedura tat-test stabbilita fl-Anness II.";

(5) il-punti 2.6. u 2.6.1. huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2.6. **Metodu ta' ttestjar**

2.6.1. Agħmel eCall tat-test billi tapplika skattatur manwali permezz tal-HMI immuntata fil-vettura u stenna sakemm il-loudspeaker(s) u l-mikrofonu/i jitqabbdu u jkunu lesti għall-komunikazzjoni bil-vuċi jew agħmel telefonata mill-punt tat-test PSAP lis-sistema eCall immuntata fil-vettura.";

(6) il-punti 2.6.3. u 2.6.4. huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2.6.3. Ikklerja l-eCall tat-test billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta').

2.6.4. Jekk ir-rekwiżiti ma jistgħux jiġu ssodisfati minħabba xkiel dovut għall-punt tat-test PSAP jew il-mezz tat-trażmissjoni, l-eCall tat-test tista' terġa' ssir, jekk ikun hemm bżonn f'ambjent tat-test adattat.";

(7) fl-Appendiċi, il-punt 3.1.(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) Zij kunnen de besluiten nemen.
De meeste mensen hadden het wel door.".

ANNESS IV

L-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2017/79 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-punt 1, il-punt 1.1.1. li ġej jiddaħħal wara l-punt 1.1.:

"1.1.1. Fil-każ ta' sistema eCall TPS fakultattiva, it-testijiet relatati mal-eCall TPS stabbiliti fit-taqsima 9.8 tal-istandard EN 16454:2023 jibqgħu applikabbli għad-Dikjarazzjoni ta' Konformità tas-sistema eCall immuntata fil-vettura wara l-31 ta' Diċembru 2025.";

(2) il-punt 2.3. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.3. Id-diżattivazzjoni tas-sistema bbażata fuq is-servizz 112 filwaqt li tkun attiva s-sistema TPS, għandha tkun verifikata billi ssir eCall tat-test skattata b'mod manwali.";

(3) il-punti 2.3.1. sa 2.3.4. huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2.3.1. Qabel ma tagħmel l-eCall tat-test, ara:

(a) li waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni speċifikati fil-punt 2.7 tal-Anness I, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, se tiġi applikata għal kwalunkwe eCall tat-test;

(b) li l-punt tat-test PSAP iddedikat huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall mibgħuta mis-sistema bbażata fuq is-servizz 112;

(c) li l-punt tat-test TPSP huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall mibgħuta mis-sistema TPS;

(d) li ma tistax issir eCall falza lejn PSAP ġenwin fuq in-network attiv; u

(e) li s-swiċċ tal-ignixin jew tal-kontroll prinċipali tal-vettura huwa attivat.

2.3.2. Agħmel eCall tat-test billi tapplika skattatur manwali tas-sistema TPS.

2.3.3. Ivverifika:

(a) li ġiet stabbilita eCall mal-punt tat-test TPSP permezz ta' konnessjoni b'suċċess bil-vuċi mal-punt tat-test TPSP;

(b) li d-data ġiet riċevuta kif suppost fil-punt tat-test TPSP inkluż mill-inqas l-MSD; u

(c) li ma ġiet ippruvata u lanqas ma ġiet stabbilita ebda eCall mal-punt tat-test PSAP permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li ma rċeviex eCall.

2.3.4. Ikklerja l-eCall tat-test billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test TPSP (eż. aqta').";

(4) il-punt 2.4. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.4. F'każ li s-sistema TPS ma tiffunzjonax il-proċedura ta' riżerva u l-attivazzjoni tas-sistema bbażata fuq is-servizz 112 għandha tkun verifikata billi ssir eCall tat-test skattata b'mod manwali.";

(5) il-punti 2.4.1. sa 2.4.5. huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2.4.1. Immodifika s-sistema TPS sabiex tissimula ħsara, magħżula bid-diskrezzjoni tas-servizz tekniku li għandha tirriżulta fi proċedura ta' riżerva fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni pprovduta mill-manifattur. Din l-għażla għandha tiġi ddokumentata fir-rapport tat-test.

2.4.2. Qabel ma tagħmel l-eCall tat-test, ara li:

(a) waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni definiti fil-punt 2.7 tal-Anness I, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, se tiġi applikata għal kwalunkwe eCall tat-test;

(b) il-punt tat-test PSAP iddedikat huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall mibgħuta mis-sistema bbażata fuq is-servizz 112;

(c) ma tistax issir eCall falza lejn PSAP ġenwin fuq in-network attiv; u

(d) is-swiċċ tal-ignixin jew tal-kontroll prinċipali tal-vettura huwa attivat.

2.4.3. Agħmel eCall tat-test billi tapplika skattatur manwali tas-sistema TPS.

2.4.4. Ivverifika:

(a) li ġiet stabbilita eCall mal-punt tat-test PSAP permezz ta' konnessjoni b'suċċess bil-vuċi mal-punt tat-test PSAP; u

(b) li l-punt tat-test PSAP irċieva MSD. Dan għandu jiġi vverifikat permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li MSD mibgħut mis-sistema eCall wara l-iskattatur ġie riċevut u dekodifikat b'suċċess.

2.4.5. Ikklerja l-eCall tat-test billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta').";

(6) jitħassar il-punt 2.5.

ANNESS V

L-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2017/79 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt 1.3.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.3.1. Il-manifattur għandu jipprovdi lis-servizz tekniku u lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip bid-dokumentazzjoni skont it-Tabella, li għal kull oġġett għandu jkun fiha l-prinċipju tekniku applikat sabiex jiġi ssorveljat l-oġġett.";

(2) fit-Tabella, it-tielet ringiela (it-tieni entrata) hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-antenna tan-network mobbli hija konnessa"	

(3) fit-Tabella, il-ħames ringiela (ir-raba' entrata) hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-antenna tal-GNSS hija konnessa"	

(4) il-punt 2.1.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.1.1. It-test li ġej għandu jsir, separatament għal kull wieħed mill-oġġetti elenkati fit-Tabella, fuq il-vettura b'sistema eCall immuntata fil-vettura installata skont l-Artikolu 5, fuq l-STU skont l-Artikolu 7 jew fuq il-komponent, li huwa parti minn sistema kompluta għall-fini tat-test, skont l-Artikolu 6.";

(5) il-punt 2.1.2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.1.2. Issimula malfunzjoni tas-sistema eCall billi tintroduċi ħsara kritika ssorveljata mill-funzjoni ta' awtottestjar skont id-dokumentazzjoni teknika pprovduta mill-manifattur. Il-manifattur għandu jipprovdi lista tal-kontrolli u deskrizzjoni ta' kif jiskattahom.";

(6) fil-punt 2.1.5., tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Għall-ħsarat li ma jistgħux jiġu simulati jew injettati mis-servizz tekniku, il-manifatturi għandhom jipprovdu dokumentazzjoni li tiddeskrivi l-proċedura tat-test u r-riżultati tat-testijiet lis-servizz tekniku.";

(7) il-punt 3.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.1. Meta l-manifattur jippreżenta applikazzjoni għal reviżjoni jew estensjoni ta' approvazzjoni tat-tip eżistenti għall-fini ta' inklużjoni ta' antenna alternattiva tal-GNSS, l-unità ta' kontroll elettroniku, l-antenna tan-network mobbli u/jew il-komponenti tas-sors tal-enerġija, ma għandu jkun meħtieġ ebda test ġdid tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan l-Anness, diment li dawk il-komponenti tal-approvazzjoni tat-tip ikollhom tal-inqas l-istess karatteristiċi funzjonali u li tabilħaqq ikunu koperti minn dan l-Anness skont l-Artikolu 6(3).";

(8) jiżdied il-punt 4 li ġej:

"4. **Rekwiżiti tekniċi li jippermettu testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali**

4.1. *Għan*

L-għan għandu jkun li jiġu vverifikati l-karatteristiċi li ġejjin tas-sistema eCall:

(a) l-istatus operazzjonali korrett tagħha, permezz ta' osservazzjoni viżwali tal-istatus tas-sinjal ta' twissija ta' ħsara wara l-attivazzjoni tal-iswiċċ tal-kontroll prinċipali tal-vettura u kwalunkwe kontroll tal-bozza. Meta s-sinjal ta' twissija ta' ħsara jintwera biss fi spazju komuni (iż-żona li fuqha jistgħu jintwerew żewġ funzjonijiet jew simboli ta' informazzjoni jew aktar, iżda mhux fl-istess ħin), l-ewwel għandu jiġi vverifikat li l-ispazju komuni huwa funzjonali qabel il-kontroll tal-istatus tas-sinjal ta' twissija ta' ħsara;

(b) il-preċiżjoni korretta tas-Sett Minimu ta' Data (billi tiġġenera u taqra l-MSD attwali), il-funzjoni u l-kundizzjoni korretti tal-komponenti tal-eCall u tal-batterija ta' riżerva (jekk applikabbli), bl-użu ta' interfaċċja elettronika tal-vettura;

(c) l-integrità tas-software, permezz ta' verifika esterna tal-informazzjoni tal-verżjoni, tal-valuri hash u tal-konfigurazzjonijiet tas-sistema mad-data ta' referenza;

(d) il-funzjonalità korretta tal-komunikazzjoni bil-vuċi, billi jsir test awdjo tal-eku u tal-ispeaker bl-użu tal-interfaċċja tal-vettura.

4.2. **Rekwiżiti**

4.2.1. Is-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 għandha tkun kapaċi tipprovdi l-informazzjoni biex jitwettqu l-metodi ta' ttestjar speċifikati fit-Taqsima 3, il-punt 7.13, tal-Anness I tad-Direttiva 2014/45/UE bl-użu tal-interfaċċja elettronika tal-vettura.

4.2.2. Il-manifattur għandu jagħmel disponibbli l-informazzjoni teknika, li għandu jkun fiha l-istruzzjonijiet għall-qari tal-informazzjoni jew għat-twettiq tal-kontrolli relatati ma' kull oġġett speċifikat fit-Taqsima 3, il-punt 7.13, tal-Anness I tad-Direttiva 2014/45/UE.

4.3 **Proċedura tat-test**

4.3.1. Għandu jiġi vverifikat li l-informazzjoni relatata ma' kull oġġett speċifikat fit-Taqsima 3, il-punt 7.13 tal-Anness I tad-Direttiva 2014/45/UE, tista' tinqara mis-sistema eCall bl-użu tal-interfaċċja elettronika tal-vettura skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

4.3.2. Għandu jiġi vverifikat li jista' jsir test tal-eku u tal-ispeaker biex tiġi vverifikata l-funzjonalità korretta tal-komunikazzjoni bil-vuċi permezz tal-interfaċċja tal-vettura.".

ANNESS VI

L-Anness VIII tar-Regolament Delegat (UE) 2017/79 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti I hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 2.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.1. Is-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 jew l-STU mhijiex disponibbli għall-komunikazzjoni mal-PSAP jew mill-inqas ma tweġibx b'mod awtomatiku jekk il-PSAP jibda l-komunikazzjoni wara l-iskadenza tat-timer tal-eCall T9 (siegħa).";

(b) jitħassar il-punt 2.2.;

(c) fit-taqsima 3, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. **Kundizzjonijiet tat-test**";

(d) jitħassru l-punti 3.2. u 3.2.1.;

(e) il-punt 3.2.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.2. Qabel ma tagħmel it-test, ara li:

(a) waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni speċifikati fil-punt 2.7 tal-Anness I, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, se tiġi applikata għal kwalunkwe eCall tat-test;

(b) il-punt tat-test PSAP iddedikat huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall mibgħuta mis-sistema bbażata fuq is-servizz 112;

(c) is-swiċċ tal-ignixin jew tal-kontroll prinċipali tal-vettura huwa attivat;

(d) kwalunkwe TPS jew sistema tas-servizz b'valur miżjud hija diżattivata.";

(f) jitħassru l-punti 3.2.3. u 3.2.4.;

(g) fit-taqsima 4, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. **Metodu ta' ttestjar**";

(h) il-punti 4.1. u 4.2. huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4.1. Agħmel eCall tat-test billi tapplika skattatur manwali tas-sistema.

4.2. Ivverifika li ġiet stabbilita telefonata mal-punt tat-test PSAP permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li rċieva telefonata jew permezz ta' konnessjoni b'suċċess bil-vuċi mal-punt tat-test PSAP.";

(i) fit-taqsima 4, jiżdiedu l-punti 4.3., 4.4. u 4.5. li ġejjin:

"4.3. Ikklerja l-eCall billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta').

4.4. Ħalli l-IVS ta' eCall ibbażata fuq is-servizz 112 mixgħula u stenna tal-inqas 63 minuta (siegħa + marġni ta' 5 % skont EN 16454 u EN 17240).

4.5. Permezz tal-punt tat-test PSAP, ipprova aqbad mal-IVS ta' eCall ibbażata fuq is-servizz 112.";

(j) tiżdied it-taqsima 5 li ġejja:

"5. **Valutazzjoni**

5.1. Ir-rekwiżit jitqies bħala ssodisfat jekk is-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 la tkun disponibbli għall-komunikazzjoni mal-PSAP u lanqas ma twieġeb awtomatikament għat-telefonata meta l-punt tat-test PSAP jipprova jikkonnettja wara l-iskadenza tat-timer tal-eCall T9 (siegħa).

5.2. L-istabbiliment ta' konnessjoni mal-IVS ta' eCall ibbażata fuq is-servizz 112 jew it-tweġiba awtomatika għat-telefonata meta l-punt tat-test PSAP jibda l-komunikazzjoni jikkostitwixxi falliment.";

(2) Il-Parti II hija emendata kif ġej:

(a) fit-taqsima 3, jiżdied il-punt 3.3. li ġej:

"3.3. Qabel ma tagħmel it-test, ara li:

(a) waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni definiti fil-punt 2.7 tal-Anness I, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, se tiġi applikata għal kwalunkwe eCall tat-test;

(b) il-punt tat-test PSAP iddedikat huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall mibgħuta mis-sistema bbażata fuq is-servizz 112;

(c) is-swiċċ tal-ignixin jew tal-kontroll prinċipali tal-vettura huwa attivat; u

(d) kwalunkwe TPS jew sistema tas-servizz b'valur miżjud hija diżattivata.";

(b) fit-taqsima 4, il-punti 4.1. u 4.2. huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4.1. Agħmel eCall billi tapplika skattatur manwali tas-sistema.

4.2. Ivverifika li ġiet stabbilita telefonata mal-punt tat-test PSAP permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li rċieva telefonata jew permezz ta' konnessjoni b'suċċess bil-vuċi mal-punt tat-test PSAP.";

(c) fit-taqsima 4, jiżdiedu l-punti 4.3. u 4.4. li ġejjin:

"4.3. Ikklerja l-eCall billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta').

4.4. 13-il siegħa wara li tkun saret eCall, it-tester tas-servizz tekniku għandu jingħata aċċess għal fejn jinħażnu l-log files tal-eCall fl-IVS. Dan se jinvolvi l-potenzjal li jniżżel mill-IVS kwalunkwe log file sabiex ikun jista' jinqara mit-tester.";

(3) Il-Parti III hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 3.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.1. Is-servizz tekniku għandu jingħata aċċess għall-parti tas-sistema fejn tinħażen id-data dwar il-pożizzjoni riċenti tal-vettura fil-memorja interna tal-IVS.";

(b) fit-taqsima 3, jiżdied il-punt 3.3. li ġej:

"3.3. Qabel ma tagħmel it-test, ara li:

(a) waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni definiti fil-punt 2.7 tal-Anness I, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, se tiġi applikata għal kwalunkwe eCall tat-test;

(b) il-punt tat-test PSAP iddedikat huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall mibgħuta mis-sistema bbażata fuq is-servizz 112;

(c) is-swiċċ tal-ignixin jew tal-kontroll prinċipali tal-vettura huwa attivat; u

(d) kwalunkwe TPS jew sistema tas-servizz b'valur miżjud hija diżattivata.";

(c) il-punt 4.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4.1. Agħmel eCall billi japplika skattatur manwali tas-sistema.";

(d) fit-taqsima 4, jiżdiedu l-punti 4.2., 4.3 u 4.4 li ġejjin:

"4.2. Ivverifika li ġiet stabbilita telefonata mal-punt tat-test PSAP permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li rċieva telefonata jew permezz ta' konnessjoni b'suċċess bil-vuċi mal-punt tat-test PSAP.

4.3. Ikklerja l-eCall billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta').

4.4. It-tester tas-servizz tekniku għandu jingħata aċċess għal fejn tinħażen id-data dwar il-pożizzjonijiet riċenti tal-vettura fil-memorja interna tal-IVS. Dan se jinvolvi l-potenzjal li jniżżel mill-IVS kwalunkwe pożizzjoni riċenti maħżuna sabiex tkun tista' tinqara mit-tester.";

(4) Il-Parti IV hija emendata kif ġej:

(a) fit-taqsima 3, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. **Kundizzjonijiet tat-test"**;

(b) il-punt 3.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.2. Is-sistema TPS għandha tiġi diżattivata waqt li ssir l-eCall tat-test.";

(c) il-punt 3.2.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.2.1. Qabel ma tagħmel it-test, ara li:

(a) waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni definiti fil-punt 2.7 tal-Anness I, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, se tiġi applikata għal kwalunkwe eCall tat-test;

(b) il-punt tat-test PSAP iddedikat huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall mibgħuta mis-sistema bbażata fuq is-servizz 112;

(c) is-swiċċ tal-ignixin jew tal-kontroll prinċipali tal-vettura huwa attivat; u

(d) kwalunkwe TPS jew sistema tas-servizz b'valur miżjud hija diżattivata.";

(d) jitħassar il-punt 3.4;

(e) jiżdiedu t-taqsimiet 4 u 5 li ġejjin:

"4. **Metodu ta' ttestjar**

4.1. Agħmel eCall tat-test billi tapplika skattatur manwali tas-sistema.

4.2. Ivverifika li ġiet stabbilita telefonata mal-punt tat-test PSAP permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li rċieva telefonata jew permezz ta' konnessjoni b'suċċess bil-vuċi mal-punt tat-test PSAP.

4.3. Ikklerja l-eCall billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta').

4.4. Jekk it-tentattiv biex issir telefonata mis-sistema bbażata fuq is-servizz 112 ma jirnexxix matul it-test, il-proċedura tat-test tista' terġa' ssir.

4.5. It-tester tas-servizz tekniku għandu jingħata aċċess għal fejn jinħażnu l-log files tal-eCall fl-IVS. Dan se jinvolvi l-potenzjal li jitniżżel mill-IVS kwalunkwe log file sabiex ikun jista' jinqara mit-tester.

4.6. In-nuqqas ta' log file fis-sistema TPS għandu jiġi verifikat billi jsir aċċess għall-parti tas-sistema fejn jinħażnu l-log files tal-eCall.

5. **Valutazzjoni**

5.1. Ir-rekwiżit jitqies li huwa ssodisfat jekk ma jkun hemm ebda log file preżenti fil-memorja tas-sistema TPS immuntata fil-vettura.

5.2. Il-preżenza ta' log file fis-sistema TPS li jappartjeni għal eCall li saret bis-sistema bbażata fuq is-servizz 112 tikkostitwixxi falliment.".

ANNESS VII

Fir-Regolament Delegat (UE) 2017/79 jiżdied l-Anness X li ġej:

"*ANNESS X*

Proċedura tat-test għall-verifika tal-prestazzjoni tas-sors tal-enerġija ta' riżerva

1. **Għan**

L-għan ta' dan it-test huwa li jiżgura li s-sistema eCall immuntata fil-vettura jew l-STU tal-eCall tkun kapaċi tikkomunika għall-perjodu speċifikat fil-punt 2.

2. **Rekwiżiti**

Is-sistema eCall jew l-STU tal-eCall għandha tkun operabbli għal perjodu ta' mill-inqas 5 minuti fil-modalità ta' komunikazzjoni bil-vuċi segwit minn 60 minuta fil-modalità call-back (modalità idle, irreġistrata fin-network) segwit minn perjodu ieħor ta' mill-inqas 5 minuti fil-modalità ta' komunikazzjoni bil-vuċi.

3. **Kundizzjonijiet tat-test**

It-test tal-verifika li ġej għandu jsir fuq l-STU tal-eCall li tkun ġiet soġġetta għat-test ta' deċellerazzjoni severa ħafna skont l-Anness I.

Jekk l-STU tal-eCall ma tinkludix il-mikrofonu/i u l-ispeaker(s) għas-sistema tal-eCall, il-mikrofonu/i u l-ispeaker(s) rappreżentattivi għandhom jiżdiedu mal-istruttura tat-test sabiex jiġi eżegwit it-test minn dan l-Anness.

3.1. **Metodu ta' ttestjar**

3.1.1. Agħmel eCall billi tapplika skattatur manwali tas-sistema.

3.1.2. Ivverifika li ġiet stabbilita telefonata mal-punt tat-test PSAP permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li rċieva t-telefonata jew permezz ta' konnessjoni b'suċċess bil-vuċi mal-punt tat-test PSAP.

3.1.3. Skonnettja s-sors ewlieni tal-enerġija.

3.1.4. Aqra kwalunkwe test għal mill-inqas 5 minuti fil-punt tat-test PSAP.

3.1.5. Ikklerja l-eCall billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta').

3.1.6. Stenna 56 minuta wara li tkun intemmet it-telefonata.

3.1.7. Ibda telefonata mill-punt tat-test PSAP lis-sistema eCall immuntata fil-vettura.

3.1.8. Jekk it-telefonata tiġi aċċettata awtomatikament, aqra kwalunkwe test għal mill-inqas 5 minuti fil-punt tat-test PSAP, inkella jitlesta t-test.

3.2. **Valutazzjoni**

3.2.1. Ir-rekwiżit jitqies bħala ssodisfat jekk l-STU tal-eCall tkun kapaċi tikkomunika għall-perjodu meħtieġ, kif speċifikat fil-punt 2.

3.2.2. L-inkapaċità tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 li tikkomunika għall-perjodu msemmi fil-punt 2 tikkostitwixxi ħsara.."